**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 9 ta' April 2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Lydon Zammit)**

**(Spettur Stephen Gulia)**

**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**Vs**

**JOSEPH BRINCAT**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Joseph Brincat** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 21087M, fejn gie akkuzat talli:

1. Fl-1 t'April 2021 għal ħabta ta' bejn 22:30Hrs u 23:00Hrs ġewwa Triq il-Karmnu, Fgura kkometta serq ta' flus kontanti minn fuq il-persuna ta' Ma Victoria Pacamarra Ayon Ayon liema serq hu kkwalifikat bil-

vjolenza, bil-mezz  u bil-ħin u li sar għad-dannu ta' l-istess Ma Victoria Pacamarra Ayon Ayon u u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet ohra.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Ma Victoria Pacamarra kontra l-volonta' taghha u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeg oħra u/jew biex ikunu mġiegħel jaccetta li jagħmel xi trasferiment ta hwejjiġu.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun.

4. U aktar talli fit-2 t'April 2021 ghal habta ta' bejn is-19:15Hrs u 19:45 Hrs ta' filghaxija bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq minn fuq il-persuna ta' Lady-Anne Lamique liema serq kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37) u bil-hin u li wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minħabba xi ħaga indipendenti u accidentali mil-volonta tiegħu u dan ghad-dannu ta' l-istess Lady-Anne Lamique u/jew ta'xi persuna/i ohra u/jew entitajiet oħra.

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Lady-Anne Lamique kontra l-volonta' taghha u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus

jew ħwejjeg oħra u/jew biex ikunu mġiegħel jaccetta li jagħmel xi trasferiment ta hwejjiġu.

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun.

7. U aktar talli nhar it-27 ta' Marzu 2021 ghal ħabta ta' bejn id-21:30Hrs u l-22:15Hrs ta' filghaxija minn ġewwa l-istabiliment bl-isem ta' "Il Bacino" li huwa sitwat gewwa Xatt ir-Rizq, Birgu ikkommetta serq ta' fliexken tax-xorb alkaholiku, ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), bil-hin u li sar ghad-dannu ta' Mark Anthony Tabone u/jew ta'xi persuna/i ohra u/jew entitajiet oħra.

8. U aktar talli fit-28 ta' Marzu 2021 ghal habta ta' bejn is-01:45Hrs u 02:15 Hrs ta' filghodu minn gewwa garaxx sitwat gewwa Triq il-genista, Kalkara bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq kkwalifikat,bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), bil-hin u li wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minħabba xi ħaga indipendenti u accidentali mil-volonta tiegħu u dan ghad-dannu ta' Arthur Farrugia u/jew ta'xi persuna/i ohra u/jew entitajiet oħra.

9. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkustanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi moghtija fil-konfront tieghu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta għas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset sew l-atti, l-Qorti

m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Ikkunsidrat;**

**Illi in tema ta' piena din il-Qorti qed tqis l-ammisjoni bikrija tal-imputat, l-ammissjoni tieghu fl-istqarrija u l-koperazzjoni assoluta tieghu mal-investigaturi, il-kondotta tieghu li hija wahda refrattarja, il-fatt li huwa recidiv, u il-fatt, kif imressaq fis-sottomissjonijiet orali fl-udejnza tallum stess, illi l-imputat huwa afflitt mill-problema tal-konsum tad-droga. Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha qed jigu riflessi fil-piena ikkontemplata.**

KONKLUZJONI.

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 17, 31, 41(1)(A), 49, 50, 86, 87(1)(e), 261(a)(b)(f), 262(1)(a)(b)(2), 263(a)(b), 267, 270, 275, 277(b), 278(3), 279(b), 280(2), u 289 tal-Kapitolu 9 u l-Artikoli 6, 51(7) u 55(a) tal-Kap 480 tal-ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati bhala recidiv, fuq ammisjoni tieghu stess, tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti u tikkundannah ghall-piena ta` erbgha (4) snin prigunerija u ghall-hlas ta` multa fis-somma ta` €116.47.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur